**27 ta' Settembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt. LL.D.,**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Duminku Zammit**

**Serq — Kwalifika tal-Persuna u tal-Post — Tentattiv — Konsolidazzjoni tal-Kwalifiki — Art. 281(d) u 282(d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk bniedem jiġi akkużat li kkommetta serq a dannu tal-Gvern minn post fejn hu kien impjegat, ma hemmx lok għall-konsolidazzjoni taż-żewġ kwalifiki tal-persuna u tal-lok fi kwalifika waħda; għaliex, għalkemm bejn l-aggravanti kontemplata fl-art. 281(d) tal-Kodiċi Kriminali, tal-kwalifika tal-persuna mħabba li s-serq jiġi kommess minn impjegat fil-post li fih ikun daħal minħabba l-impjeg tiegħu, u dik kontemplata fl-art. 282(d) tal-istess Kodiċi, tal-kwalifika tal-post mħabba li r-reat ġie kommess f'maħżen tal-Gvern, hemm komuni f'każ simili ċ-ċirkustanza tal-post tal-Gvern bħala l-post tas-serq, eppure fl-ewwel aggravanti biss hemm iċ-ċirkustanza li min jikkommetti r-reat ikun impjegat f'dak il-post u jkollu aċċess għalieh minħabba l-impjeg tiegħu. Kwindi ma hemmx lok għall-konsolidazzjoni taż-żewġ aggravanti f'waħda.*

*Ladarba l-atti tal-imputat jikkostitwixxu ablazzjoni tal-oġġett tas-serq, dawk l-atti jammontaw għar-reat ta' serq, u mhux għal sempliċi tentattiv.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tal-10 ta' Lulju, 1958, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq l-imputazzjoni talli l-imputat, il-

Hamrun, fit-30 ta' Gunju 1958, ikkommetta serq ta' kwantità ta' qwieleb bir-rikotta proprjetà tal-Gvern, li jiswew aktar minn tliet liri iżda anqas minn għaxar liri, għaddannu tal-Intrappriża għall-bejgħ tal-Ħalib tal-Gvern, serq aggravat bil-persuna u bil-post; u talli, barra minn dan, l-imputat saq il-karrozza 11691 meta din ma kellhiex liċenza tal-Pulizija u mingħajr polza tas-sigurtà;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Lulju 1958, li biha sabet lill-imputat ħati fit-termini tal-imputazzjoni, u kkundannatu għall-piena ta' disgħa xhur lavori forzati; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-provi mismugħa ġew stabbiliti dawn il-fatti:— Illi l-imputat huwa mpjegat tal-Gvern fil-Milk Marketing Undertaking; fit-30 ta' Gunju, 1958, fis-6.45 a.m., beda jaħdem ma' Joseph Formosa fil-Milk Marketing Undertaking, fil-Branch fejn tinħadem l-irkotta . . . . . .;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, għalkemm il-qwieleb tar-rikotta nstabu fil-karrozza ta' Toni Xuereb, huwa puwerili li wieħed jipprova iwaqqa' suspett fuq dan ix-xhud, meta wieħed jaħseb......;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni, illi ġie pruvat mill-Prosekuzzjoni illi l-karrozza nru. 11691 ma hix liċenzjata, u li hija bla polza tas-sigurtà;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti hi sewwa. Il-Maġistrat deċident fl-ewwel istanza indika perspikaċement ir-raġunijiet li fuqhom tinsab bażata dik il-konklużjoni. Din il-Qorti ssib konvinċenti dawn ir-raġunijiet u tadottahom, partikolarment il-kliem tal-istess imputat meta ġie nterrogat mill-Pulizija, li rettament interpretati, fiddawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, huma konfessjoni;

Kwantu għall-eċċepit assorbiment taż-żewġ kwalifiki fi kwalifika waħda, għandu jiġi rilevat li, għalkemm bejn l-aggravanti kontemplata fl-art. 281(d) u dik imsemmija fl-art. 282(d) Kap. 12, hemm komuni, fil-każ in ispeċje, iċ-ċirkustanza ta' post tal-Gvern bħala l-lok tas-serq, eppure fl-ewwel aggravanti "biss" hemm iċ-ċirkustanza li min jikkommetti r-reat ikun impjegat f'dak il-post u jkollu aċċess għalieh minħabba l-impieg tiegħu, u kwindi ma hemmx lok għall-konsolidazzjoni taż-żewġ aggravanti f'waħda;

Kwantu għad-deduzzjoni l-oħra tad-difiża li, in subordine, si tratta fil-każ biss ta' tentattiv ta' serq, din iddeduzzjoni hija bla bażi; għaliex kien hemm diġà l-ablazzjoni, malli l-imputat neħħa l-qwieleb mnejn kienu fil-post tas-sid u poġġihom fil-"boot" tal-car, li kien taħt il-kontroll tiegħu, u ta' liema car hu kellu ċ-ċwievet (Appell Kriminali "Pulizija vs. Felice", 10 ta' Jannar 1942; u oħrajn);

Kwantu għall-piena, hu prinċipju li din il-Qorti per regola ma tindaħalx fid-diskrezzjoni tal-Maġistrat dwarha, ammenokkè ma jkunx hemm xi żball, jew anki xi eċċess oppressiv jew manifest; dak li f'dan il-każ ma hemmx;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.